**Il-laqgħa ta' bejnietna**

Xi grazzja kienet għalija ibieraħ
Meta miegħek laqqagħni l-Mulej,
Kienet laqgħa kollha mħabba u għożża
Ferħ u sliem, u mingħajr inkwiet ta' xejn.

Għax f'għajnejk rajt ħlewwa kbira u safja
Ġejja mir-raħal qrib l-irdumijiet,
Li ksitni b'qawwitha bil-wisq setgħana
Kienet għalija barka tal-barkiet.

Is-sempliċità wisq ħelwa li toħroġ
Minn fommok ċkejken, semmiegħ u mitbuq,
Jagħmlek ħlejqa isbaħ u wisq tal-għaġeb
Li tfarraġ il-qalb ta' min hu mifqugħ.

Farraġa tat-tama ibq'ħares lejja
Irridha ħarsitek, iċċaħħadilhiex,
Għax jekk naħsel li bla kont jien nitlifha
Hena fija jien żgur ma jibqagħlix.

Tgħanniqa waħda minn tiegħek tagħtini
Is-sabar fil-għelt meta jien muġugħ,
Kelmitek melliesa bil-wisq kotrana
Hi l-ikel u x-xorb ta' min hu bil-ġuħ.

Ħalliehom ha jpaċpċu dawk il-lablaba
L-imdejqin li l-paċi f'qalbhom m'għandhomx,
Int biss ibqa' soda f' għemilek leqqien
Tara kif paroli ma jibqagħlhomx.

Is-Sema ried li niltaqgħu f'dil-lejla
Madwarna ħemda sbejħa kullimkien,
Ibqa' wieġeb lill-qiegħ tal-qiegħ ta' qalbek
Int 't-teżor tal-laqgħa tagħna flimkien.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 ta' Novembru 2024.

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.